



26.1.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020  
(2017/2052(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sofia Ribeiro

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza enormi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), bħala l-eqdem politika komuni tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet pubbliċi u jingħata rispons għall-isfidi li qed jevolvu permezz ta' riformi suċċessivi, li huwa fundamentali, pereżempju, għall-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja kif ukoll għall-forniment ta' prodotti u servizzi mhux alimentari, is-sigurtà tal-ikel u l-istabbilizzazzjoni u l-preservazzjoni tal-popolazzjonijiet rurali, sabiex jiġu żgurati ikel bi prezz raġonevoli għal madwar 500 miljun konsumatur Ewropew, bilanċ territorjali u koeżjoni soċjali, u biex jiġi ggarantit li ż-żoni rurali jkunu sostenibbli fuq perjodu twil; jinnota, barra minn hekk, li dan jiswa biss EUR 0,32 lil kull ċittadin tal-UE kuljum; ifakkar li l-agricoltura u l-industrija tal-ikel jirrappreżentaw 16 % tal-fatturat totali tal-industrija Ewropea, u huma responsabbli għal 'il fuq minn 44 miljun impjieg fil-katina tal-provvista tal-ikel kollha, 10 miljun impjieg direttament fl-agricoltura, 11-il miljun azjenda agrikola u EUR 130 biljun fis-sena f'introjtu mill-esportazzjonijiet; jenfasizza li, permezz taż-żewġ pilastru tagħha, il-PAK tgħin biex jiġu stabbilizzati l-introjti tal-bdiewa, filwaqt li tippromwovi programmi ambjentali u l-attività ekonomika fiż-żoni rurali;
2. Jinnota li taħt il-QFP attwali 2014-2020, u għall-ewwel darba, il-PAK m'għadhiex il-politika tal-UE bl-akbar baġit (f'dawn l-aħħar tliet deċennji sehemha mill-QFP sfortunatament niżel minn 75 % tal-QFP għal 38 % biss); jiddikjara b'mod ċar li, permezz ta' bosta riformi politiċi, l-infiq tal-PAK tnaqqas u sar aktar immirat, orjentat lejn is-suq u mmirat lejn it-titjib tal-kompetittività tal-biedja tal-UE;
3. Jinnota wkoll li l-integrazzjoni ta' aktar kompiti u objettivi fil-PAK, li mhumiex neċessarjament remunerati mis-suq, twettqet mingħajr ma żdied il-baġit tagħha u filwaqt li l-UE ġiet estiża biex tinkludi aktar Stati Membri; jenfasizza li l-isfidi u d-domandi żdiedu, inkluża, pereżempju, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-provvista tal-ikel tkun sikura u r-riżorsi ambjentali jkunu protetti, l-iżvilupp ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, l-ekoloġizzazzjoni, l-investiment f'teknoloġija ġdida tal-biedja, u t-taffija tal-effetti u l-impatti tat-tibdil fil-klima;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid, jew tal-inqas iżżomm fil-livell attwali tiegħu, il-baġit tal-PAK ta' wara l-2020, b'tali mod li l-istruttura ta' żewġ pilastru tal-PAK tkun tista' tinżamm biex il-bdiewa jiġu meġħjuna f'kull settur, biex jinkisbu l-għanijiet ewlenin li jidied l-introjtu tal-bdiewa, jitħarsu u jinħolqu impjegi, l-innovazzjoni u l-konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jiġu ssodisfati l-impenji għall-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima; jenfasizza li kwalunkwe tnaqqis ieħor fil-baġit tal-PAK se jkollu impatt negattiv fuq il-kompetittività tas-settur agrikolu u l-iżvilupp reġjonali fl-UE fil-komunitajiet tal-biedja u ż-żoni rurali tal-Ewropa, li hija possibbiltà li ġiet kategorikament miċħuda mill-Parlament;
5. Iqis li l-baġit tal-PAK għandu jirrefletti l-valur miżjud Ewropew għoli ta' din il-politika, magħmula kemm minn suq uniku għal prodotti agroalimentari u kif ukoll benefiċċji soċjali, ambjentali u ta' koeżjoni fil-livell tal-UE, u jirrimarka li l-PAK m'għadhiex sempliċement politika settorjali Ewropea; iqis li tnaqqis fil-baġit tal-PAK bħala sehem

tal-PDG tal-UE b'27 Stat Membru jnaqqas l-effikaċja tal-PAK fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni; huwa tal-fehma li l-livell tal-baġit ta' din il-politika għandu jggarantixxi l-istatus sħiħ tiegħu tal-Unjoni f'termini finanzjarji;

6. Jenfasizza li l-PAK hija politika tal-UE komprensiva u kompluta li hija waħda mill-pedamenti tal-integrazzjoni Ewropea; jinnota li din il-politika tilħaq dejjem aktar l-oġġettivi pubbliċi u qed tirrispondi b'mod flessibbli għall-isfidi ġodda u l-ħtiġijiet li jevolvu tal-UE u s-soċjetà tagħha permezz ta' riformi; jinnota li hija responsabbli għall-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq uniku, u b'hekk tiddetermina l-prevedibilità u l-istabilità tal-kundizzjonijiet li taħthom jitwettqu l-attivitajiet agrikoli;
7. Jinnota bi tħassib li l-inċertezza dwar il-futur tal-PAK fil-kuntest tal-QFP diġà qed ikollha riperkussjonijiet negattivi fiż-żoni rurali, b'effett li taqta' qalb in-nies li jaħdmu fis-settur tal-agrikoltura, u toħloq sitwazzjoni li tista' twassal għal kriżijiet fl-UE għas-settur u f'termini tal-provvista tal-ikel;
8. Jenfasizza li l-PAK u l-baġit tagħha jiffurmaw il-qafas operattiv komuni għas-settur agrikolu fl-Unjoni Ewropea, u li jekk dawn l-elementi tal-proġett Ewropew ikunu nieqsa, dan jimpedixxi l-funzjonament ta' suq komuni effiċjenti għall-prodotti agroalimentari fl-UE, peress li l-Istati Membri jkunu qed jikkompetu ma' xulxin fir-rigward tal-livell ta' appoġġ għall-agrikoltura, u b'hekk il-kompetizzjoni tkun mgħawġa.
9. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-livell għoli ta' ambizzjoni tal-Kummissjoni f'termini ta' negozjati kummerċjali u l-liberalizzazzjoni tal-aċċess għas-suq agrikolu Ewropew għal uħud mill-produtturi agrikoli l-iktar kompetittivi fid-dinja; jenfasizza, min-naħa l-oħra, li s-soċjetà Ewropea għandha l-aspettattiva li l-produzzjoni agrikola fl-UE ssir skont l-oġhla normi u standards f'termini ta' kwalità u sikurezza tal-ikel, benesseri tal-annimali, ħarsien ambjentali u ħarsien tal-klima; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol kompensatorju importanti tal-PAK u l-appoġġ finanzjarju relatat biex tinżamm il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu aktar passi biex tissimplifika s-sistema ta' finanzjament tal-PAK, biex tnaqqas il-piżijiet finanzjarji u amministrattivi tal-bdiewa u biex tiżgura informazzjoni pubblika xierqa dwar il-PAK u dak li l-baġit tagħha jipprovdi, hekk kif l-ammont ta' għajjnuna pubbliċizzat jista' jkun qarrieqi peress li l-pubbliku mhuwiex konxju li mindu ġiet stabbilita l-PAK fl-1962 l-Istati Membri ġabru r-riżorsi tagħhom flimkien sabiex joħolqu politika komuni u suq uniku għall-prodotti agrikoli, u li għaldaqstant ma għandhiex kontroparti nazzjonali fl-Istati Membri; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol importanti tal-UE fl-appoġġ għall-produzzjoni Ewropea tal-ikel u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-PAK mhux biss tipprovdi prodotti ta' kwalità għolja bi prezzijiet ferm raġonevoli liċ-ċittadini Ewropej, iżda hemm ukoll il-benefiċċju mistur li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aktar introjtu disponibbli biex idawru r-rotta ta' setturi oħra tal-ekonomija; jenfasizza li dan jista' jkompli biss jekk il-livell tal-baġit tal-PAK jiżdied, jew tal-anqas jinżamm kif inhu; jirrimarka li kieku kull politika kienet iffinanzjata kompletament mill-baġit tal-UE, il-PAK kienet tirrappreżenta biss 1 % ta' dak il-baġit, li huwa raġonevoli, peress li tipprovdi l-ikel lil aktar minn 500 miljun ċittadin Ewropew; jenfasizza li l-PAK tirrappreżenta inqas minn 0,4 % tan-nefqa pubblika totali fl-UE u fl-Istati Membri, li huwa ammont żgħir meta mqabbel mal-medja ta' 49 % tal-PDG tal-UE minfuq fuq in-

nefqa pubblika; jenfasizza li l-bdiewa tal-UE jaderixxu ma' standards għolja tal-benesseri tal-annimali u standards ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u għalhekk għandhom jiġu appoġġati biex ikomplu b'dawn il-prattiki importanti;

11. Jenfasizza li l-instabilita' attwali tas-swieq agrikoli u l-volatilita' għolja tal-prezzijiet juru l-ħtieġa li jinżammu s-sussidji tal-azjendi agrikoli, peress li jippermettu li l-fallimenti fis-suq jiġu ġestiti u kkontrollati b'mod aktar effettiv; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntest, li ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u fil-bejgħ ta' prodotti f'dawn l-aħħar snin ma marritx għall-ġid tal-bdiewa; jinsisti li hemm bżonn ta' appoġġ konkret sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' aċċess għall-kreditu għall-bdiewa u l-introjtu agrikolu li qed jonqos; ifakkar ukoll li l-konsumaturi Ewropej mhumiex lesti jħallsu għall-ikel tagħhom bi prezz li jkun bla dubju ogħla kieku s-settur agrikolu ma kienx qiegħed jirċievi appoġġ pubbliku;
12. Jenfasizza li filwaqt li s-sussidji tal-azjendi agrikoli jkopru biss ammont insinifikanti meta mqabbla mal-PDG totali tal-Istati Membri, huma essenzjali biex jiżguraw il-kontinwita' fil-biedja u s-sigurtà tal-introjtu għall-bdiewa; itenni li l-PAK hija essenzjali biex tgħin fit-tnaqqis fil-volatilita' tal-introjtu tal-azjendi agrikoli u biex tgħin lill-bdiewa żgħażagħ jidħlu fis-settur tal-biedja u jorganizzaw l-azjendi tagħhom b'mod li jirrendi profitt, u b'hekk jinħolqu impjegi diretti u indiretti fis-settur;
13. Jinnota li l-volatilita' fl-introjtu li tirriżulta minn volatilita' fil-prezzijiet minħabba d-deterjorament tal-kundizzjonijiet fis-settur agrikolu jeħtieġ li tiġi ġestita, speċjalment waqt li l-ispejjeż tal-produzzjoni qed jiżdiedu; jenfasizza li l-PAK ma jilqax biżżejjed għall-instabilita' tal-introjti tal-azjendi u tas-swieq agrikoli, u li t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK aktarx li jaggrava aktar din il-kwistjoni, u b'hekk jiġu affettwati s-setturi l-aktar vulnerabbli fl-industrija;
14. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar l-ammont ta' flus li jmur lura fil-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jekk limiti massimi ta' pagamenti diretti ta' EUR 150 000, EUR 100 000 u EUR 50 000 kellhom jiġu applikati madwar l-UE kollha;
15. Ifakkar li l-Brexit se jkollu impatt previst ta' bejn EUR 3,8 u EUR 4,1 biljun fis-sena fuq il-PAK, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tikkompensa għal dan it-telf billi ssib forom alternattivi ta' finanzjament, pereżempju billi jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bħala perċentwali tal-introjtu nazzjonali gross, l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' riżorsi proprji, l-introduzzjoni ta' wħud mir-riformi proposti mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji u titjib fil-funzjonament tal-PAK, fi sforz sabiex il-baġit tal-PAK jinżamm intatt wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, sabiex hija tkun tista' tegħleb għal kollox l-isfidi attwali u futuri li qed tiffaċċja l-biedja Ewropea;
16. Jitlob lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għas-settur agrikolu għal strumenti finanzjarji oħra bħalma huwa l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS); jemmen li jekk għandhom jinħolqu kundizzjonijiet ġodda dwar il-pagamenti tal-PAK, il-Kummissjoni għandha torbothom ma' żieda xierqa fil-baġit tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-fondi f'konformita' ma' risposti għall-kriżijiet ċikliċi varji f'setturi sensittivi bħal dak tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal, tal-frott u l-ħaxix, u jenfasizza li l-volatilita' tal-prezzijiet għandha tiġu miggielida billi jiġu proposti strumenti ġodda, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt possibbli ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles fuq dawn is-setturi u filwaqt li titqies il-ħtieġa dejjem tikber li tissaħaħ il-kompetittivita' tas-settur agrikolu Ewropew globalment; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, lejn l-impatt dejjem jikber tal-

kundizzjonijiet esterni fuq il-biedja Ewropea u l-PAK, u l-ħtieġa konsegwenti ta' strumenti addizzjonali biex jiġu miġġielda kriżijiet potenzjali fis-swieq agrikoli li joriġinaw minn barra mit-territorju tal-UE;

17. Jenfasizza l-importanza li jitjieb il-kontroll tal-baġit u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politika li tagħti kont aħjar tad-destinazzjoni u r-riżultati tal-flus tal-kontribwenti tal-UE;
18. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni żżomm il-pagamenti diretti intatti, billi dawn jgħinu biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri, u biex iżżomm il-kompetittività tal-prodotti agrikoli tal-UE esternament; jirrifjuta bil-qawwa l-introduzzjoni ta' kwalunkwe kofinanzjament nazzjonali li jikkorrispondi għal rinazzjonalizzazzjoni parzjali tal-PAK u li tista' twassal għall-ħolqien ta' Politiki Agrikoli Komuni differenti fl-Istati Membri differenti, li jirriżulta f'tendenza qawwija favur il-kontributori netti għall-baġit tal-UE u jfixkel il-funzjonament tas-suq uniku; jenfasizza li l-PAK, bħala l-unika politika totalment integrata fil-livell tal-UE, tikkontribwixxi għall-ogħla valur miżjud Ewropew u li politika agrikola ffinanzjata fil-livell nazzjonali tkun konsiderevolment aktar għalja; jiċħad kull tentattiv li jġiegħel lill-Istati Membri jikkofinanzjaw il-PAK; jirrikonoxxi l-importanza li jitkompla l-finanzjament ta' programmi ta' żvilupp rurali minħabba l-kontribut tagħhom għall-koeżjoni soċjali u territorjali Ewropea, peress li ż-żoni rurali jirrappreżentaw madwar 90 % tal-UE; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tqis kif xieraq l-ispejjeż differenti tal-produzzjoni u tax-xogħol, flimkien mal-kontribut li tagħti l-agrikoltura għall-impjiegi fl-Istati Membri individwali, kif ukoll it-tkomplija tal-proċess ta' konverġenza tal-pagamenti diretti tal-Unjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, u l-konverġenza interna fi ħdan l-Istati Membri u r-regġuni tagħhom; jenfasizza l-importanza li tinżamm varjetà ta' miżuri, inkluż appoġġ akkoppjat volontarju, disponibbli għall-Istati Membri biex iżommu l-produzzjoni f'setturi li huma kruċjali għal żoni vulnerabbli mingħajr effett ta' distorsjoni fuq is-suq intern; jenfasizza li l-pagamenti diretti huma xibka ta' sikurezza importanti u appoġġ għad-dħul għall-bdiewa;
19. Jenfasizza li l-agrikoltura, b'mod partikolari l-produzzjoni primarja, hija partikolarment sensittiva għal dannu kkawżat minn fenomeni naturali kkawżati mill-klima (nixfiet, għargħar, maltempati, xita, borra u silġ, eċċ.), u għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmu biex jiġu appoġġati miżuri biex titnaqqas u tiġi pprevenuta ħsara bħal din li tista' tinkludi wkoll kumpens għat-telf imġarrab minn produttur agrikolu primarju bħala riżultat ta' diżastri mit-tibdil fil-klima;
20. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-baġit tal-PAK li jmiss, tikkunsidra li jirringovanixxi s-settur billi tagħmilha aktar faċli għaż-żgħażagħ u għall-bdiewa l-ġodda li jidħlu fl-industrija u għall-persuni akbar fl-età li joħorġu minnu; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa miżuri ta' tiġdid ġenerazzjonali, u b'hekk tappoġġa l-modernizzazzjoni tal-settur tal-biedja u r-ringovaniment tas-settur tal-biedja, dejjem bil-ħsieb jintuża u jiġi ttrasferit l-għarfien;
21. Ifakkar li l-parti l-kbira taż-żoni rurali huma fost l-inqas vantaġġati tal-UE, u li l-PDG tagħhom *per capita* huwa konsiderevolment inqas mill-medja Ewropea; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-iżvilupp rurali jibqa' sfida importanti għal żvilupp territorjali bbilanċjat u li dawn l-oqsma jeħtieġu appoġġ f'termini ta' żieda fil-livelli tal-impjiegi u

- l-istandards tal-għajxien, kif ukoll f'termini tal-iżvilupp ta' rwoli mhux agrikoli; jenfasizza li l-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE għadha komplitu kontinwu għall-baġit tal-UE; iqis, għalhekk, li l-fondi tal-baġit tal-UE għall-iżvilupp rurali taħt il-PAK għandhom jissaħħu, filwaqt li l-kriterji għad-distribuzzjoni ta' dan l-appoġġ fost l-Istati Membri għandhom ikomplu jieħdu kont tad-differenzi fil-ġid, il-kobor u l-erja ddedikata għall-agrikoltura li minnhom tgawdi l-popolazzjoni rurali;
22. Jitlob appoġġ imġedded immirat għal dawk il-bdiewa li huma l-aktar fil-bżonn, inklużi l-azjendi agrikoli b'ġestjoni tal-familja, żgħar u ta' daqs medju u, permezz ta' miżuri prattiċi mmirati, għal dawk f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, kif ukoll dawk fir-reġjuni l-iktar żvantaġġati, muntanjużi u ultraperiferiċi, u b'hekk jiġu żgurati produzzjoni u provvista tal-ikel b'mod aktar effettiv fil-partijiet kollha tal-UE u tiġi prevenuta id-depopolazzjoni taż-żoni rurali; jitlob appoġġ immirat b'mod preċiż lejn dawk li jaħdmu direttament l-art, mingħajr ma jiġu esklużi l-bdiewa fuq bażi part-time, li f'ħafna każijiet iddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom u m'għandhomx jiġu penalizzati għal dawn l-isforzi; jinnota li l-ġhoti ta' inċentivi għall-biedja fil-futur permezz ta' baġit futur xieraq għall-PAK u d-differenzjazzjoni pożittiva għall-oqsma l-aktar vulnerabbli huma kruċjali għas-settur agrikolu; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi żieda fil-pakkett għal Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), kif mitlub mill-Parlament, sabiex tiġi ssalvagwardjata skema li hija importanti ħafna għar-reġjuni ultraperiferiċi; ifakkar li tliet Stati Membri huma eliġibbli għal dawn il-programmi, li jirrappreżenta inqas minn 1 % tal-baġit tal-PAK; jinnota, b'mod partikolari, li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità bħall-programm LEADER jirrappreżenta użu effiċjenti tal-fondi tal-PAK; jitlob li jkun hemm aktar finanzjament li għandu jiġi allokat taħt il-QFP futur għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi ħdan il-QFP li jmiss, tappoġġa l-aċċess tal-bdiewa għall-innovazzjonijiet bħalma huma tekniki moderni ta' tnissil u l-biedja ta' preċiżjoni billi żżd is-sinerġiji bejn forom differenti ta' programmi ta' finanzjament u ttejjeb ir-rwol tal-biedja fil-programmi ta' riċerka tal-UE; jinnota r-rwol u l-potenzjal li qed jikbru ta' teknoloġiji ġodda fl-agrikoltura, iżda jirrimarka li dawn jibqgħu finanzjarjament inaċċessibbli għal proporzjon kbir ta' bdiewa;
24. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal qafas legali għall-katina tal-provvista tal-ikel fl-UE u biex tiggarrantixxi li dan jiġi ffinanzjat b'mod xieraq, bil-għan li jiġu kkumbattuti prattiki kummerċjali inġusti fis-suq uniku u jiġi żgurat ċertu livell ta' trasparenza u ċertezza għall-bdiewa, li jippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet informati tajjeb li jkunu ta' benefiċċju mhux biss għall-bdiewa nfushom, iżda wkoll għall-konsumaturi, u jiġu evitati tali prattiki bħall-bejgħ taħt il-livell tal-prezz tas-suq u t-tnaqqis li dan iġib miegħu fl-introjtu tal-biedja; jitlob li jiġu ffinanzjati miżuri li jagħtu spinta lis-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel; ifakkar fl-appoġġ qawwi tal-Parlament għal qafas regolatorju tal-UE biex jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali inġusti;
25. Jinnota l-interess tal-produtturi fil-programmi ta' promozzjoni tal-prodotti tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni ssostni x-xejra attwali ta' tisħiħ tar-riżorsi għal tali programmi, filwaqt li, madankollu, twettaq evalwazzjoni tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet amministrattivi assoċjati li spiss jippreżentaw diffikultajiet, speċjalment

għall-produtturi żgħar u ta' daqs medju u l-produtturi ġodda u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom;

26. Iqis li l-ewwel erba' xenarji stabbiliti mill-Kummissjoni fil-White Paper tagħha ta' Marzu 2017 mhumiex ambizzjużi biżżejjed; jenfasizza li l-ħames xenarju għandu jkun il-punt ta' tluq għal kwalunkwe riflessjoni dwar il-futur tal-baġit tal-UE ta' wara l-2020; jemmen li l-perjodu tal-QFP li jmiss għandu jkun twil kemm jista' jkun (tal-anqas seba' snin), b'perspettiva fuq terminu twil tal-2050 għall-iżvilupp tas-settur agrikolu tal-UE, sabiex jiġu żgurati l-prevedibilità u l-istabilità tal-finanzjament tal-PAK għall-ġejjieni, speċjalment minħabba l-importanza tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u ż-żieda fl-istabilità fis-settur, kif ukoll iż-żieda tal-possibilità li l-programmi pilota jkollhom suċċess.

### INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.1.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 -: 3 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Jörn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurențiu Rebega, Bronis Ropé, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Stefan Eck, Jens Gieseke, Maria Heubuch, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Hannu Takkula, Tom Vandenkendelaere, Thomas Waitz
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Stanisław Ożóg



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>32</b>	<b>+</b>
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Jens Gieseke, Esther Herranz García, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Czesław Adam Siekierski, Tom Vandenkendelaere
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Karin Kadenbach, Maria Noichl, Ricardo Serrão Santos, Tibor Szanyi, Marc Tarabella
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson, Stanisław Ożóg
ALDE	Ivan Jakovčić, Ulrike Müller, Hannu Takkula
ENF	Philippe Loiseau, Laurentiu Rebeca

<b>3</b>	<b>-</b>
GUE/NGL	Stefan Eck, Luke Ming Flanagan
EFDD	John Stuart Agnew

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Richard Ashworth
Verts/ALE	José Bové, Martin Häusling, Bronis Ropé
EFDD	Marco Zullo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni